MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1363/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Alfred Attard (K.I. 43970M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf mija u tlieta w erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1143.20) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni 40056522 u 40090352 skont diversi kontijiet mibghuta lilu skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati IZY1, IZY2, IZY 3 u IZY4.

Illi nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-

kawza kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra mill-atti li l-konvenut intavola risposta fejn qal illi l-ammont mhux dovut ghaliex is-servizz twaqqaf minnu zmien ilu; illi l-azzjoni hija preskritta bi zmien sentejn u salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha pprezentanti in atti.

Ra li l-konvenut eccepixxa li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ sentejn minghajr ma ndika taht liema artiklu tal-ligi qieghed jibbaza din l-eccezzjoni. Illi fil-fehma tat-Tribunal l-azzjoni tas-socjeta’ attrici tinkwadra ruhha ai termini tal-artiklu 2158 (f) u ghaldaqstant l-azzjoni tas-socjeta’ attrici m’hijex preskritta.

Illi fil-mertu jidhirlu li l-konvenut kien inghata sitt seduti sabiex jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal sema’ x-xhieda ta’ Dr Ingrid Zammit Young fejn ikkonfermat illi l-ammont kien ghadu dovut fl-ammont tat-talba.

It-Tribuna l jidhirlu li wara li sema’ l-provi migjuba quddiemu, s-socjeta’ attrici ippruvat il-kaz taghha.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------